MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2005

Rikors Numru. 505/2005

Ballut Blocks Ltd
vs
Emmanuel Agius

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih ippremettiet:

Illi in forza ta’ sentenza moghtija mill-Qorti fl-14 ta’ Dicembru 1999 wara l-kawza fl-ismijiet Ballut Blocks Ltd vs Emanuel Agius, Citazzjoni Numru 924/98RCP, is-Socjeta` rikorrenti kienet giet kanonizzata kreditrici tal-intimat fis-somma ta’ elf tmien mija sitta w sittin Lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm1866.43).

Illi b’dik l-istess sentenza l-intimat kien gie kundannat ihallas l-imghax legali fuq l-imsemmija somma konteggjat mit-22 ta’ Jannar 1998 sal-jum tal-effettiv pagament

flimkien ma' l-ispejjez gudizzjarji, skond it-taxxa annessa mar-rikors.

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, l-intimat kien baqa' inadempjenti u sa llum l-imsemmi kreditu kanonizzat, l-imghax legali u l-ispejjez kienu ghadhom ma thallsux.

Illi mid-data tal-imsemmija sentenza, cioe` mill-14 ta' Dicembru 1999 ghaddew aktar minn hames snin ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet li l-Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi l-imsemmija sentenza moghtija mill-Qorti fl-14 ta' Dicembru 1999 wara l-kawza fl-ismijiet Ballut Blocks Ltd vs Emanuel Agius, Citazzjoni Numru 924/98RCP ghall-kreditu li ghadu dovut, kif ukoll ghall-imghax legali u l-ispejjez u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet lid-difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed Dr. Massimo Vella li kkonferma li hu awtorizzat jixhed ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti. Zied jghid li jinsab infurmat bil-fatti indikati fir-rikors u li l-ammont kanonizzat fis-sentenza indikata fir-rikors citazzjoni numru 94/98 ghaddew aktar minn hames snin minn fuqha, u mill-ammont indikat fir-rikors sal-lum kien ghadu ma thallas xejn.

Rat illi l-intimat debitament notifikat fiz-zmien preskritt mil-ligi baqa' kontumaci u anqas deher ghas-seduta tal-lum.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, u peress li hemm il-lok li s-sentenza tinghata

llum, il-Qorti qed tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tezegwixxi l-imsemmija sentenza moghtija mill-Qorti fl-14 ta' Dicembru 1999 wara l-kawza fl-ismijiet Ballut Blocks Ltd vs Emanuel Agius, Citazzjoni Numru 924/98RCP ghall-kreditu li ghadu dovut, kif ukoll ghall-imghax legali u l-ispejjez u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------